Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/2057(INI)

10.10.2024

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għad-69 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (2024/2057(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur: Lina Gálvez

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 8

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għad-69 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa
(2024/2057(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU tal-15 ta' Settembru 1995 bit-titlu "Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing" u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħha,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tat-13 ta' Diċembru 2019 lill-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa, bit-titlu "Rieżami u valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-eżiti tat-23 sessjoni speċjali tal-Assemblea Ġenerali",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titlu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (Gender Action Plan, GAP) III: Aġenda Ambizzjuża għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE" (JOIN(2020)0017) u d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal li jakkumpanjaha tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titlu "Objettivi u indikaturi biex tiġi inkwadrata l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III (2021-25)" (SWD(2020)0284),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2021 dwar l-isfidi għad-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa fil-futur: aktar minn 25 sena wara d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing[2],

– wara li kkunsidra l-briefing bit-titlu "Accelerating progress on Sustainable Development Goal 5 (SDG 5): Achieving gender equality and empowering women and girls" (L-aċċellerazzjoni tal-progress b'rabta mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5 (SDG 5): il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari fit-18 ta' Settembru 2024,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-UN Women u tad-Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-NU ta' Settembru 2024 bit-titlu "Progress on the Sustainable Development Goals: The Gender Snapshot 2024" (Progress b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli: stampa dwar il-kwistjoni tal-ġeneru 2024),

[1] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 150.
[2] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 160.

– wara li kkunsidra l-Artikolu 121 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A10-0000/2024),

A. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-UE, u billi l-azzjoni esterna tal-UE trid tkun iggwidata minn dan il-prinċipju;

B. billi d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhumiex biss drittijiet fundamentali tal-bniedem, iżda huma prekundizzjonijiet għall-avvanz tal-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar u pedament meħtieġ għal dinja paċifika, prospera u sostenibbli;

C. billi 189 gvern madwar id-dinja, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, impenjaw ruħhom li jaħdmu favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet kollha fir-Raba' Konferenza Dinjija tal-1995 dwar in-Nisa f'Beijing;

D. billi d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing huma l-aktar aġenda globali komprensiva għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u huma meqjusa l-"Karta tad-Drittijiet" internazzjonali għan-nisa, li tiddefinixxi d-drittijiet tan-nisa bħala drittijiet tal-bniedem u li tartikola viżjoni ta' drittijiet, libertà u opportunitajiet ugwali għan-nisa kollha fid-dinja, u ġiet affermata mill-ġdid fl-2015 bl-Għan 5, "Jinkisbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha", tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) stabbiliti fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, billi jiġu speċifikati miri u miżuri konkreti f'firxa ta' kwistjonijiet li jaffettwaw lin-nisa u l-bniet;

E. billi sitt snin biss qabel l-iskadenza tal-2030 għall-SDGs tan-NU, lanqas indikatur wieħed skont l-Għan 5 ma ntlaħaq bis-sħiħ; billi n-NU tistma li huma meħtieġa azzjonijiet radikali sabiex jitħaffef il-progress u jiġi evitat li jittieħdu 286 sena biex jingħalqu l-lakuni fil-protezzjoni legali u titneħħa l-leġiżlazzjoni diskriminatorja għan-nisa;

F. billi studju tan-NU tal-2024[3] dwar l-evalwazzjoni tal-SDG 5 jenfasizza li għadhom jeżistu normi soċjali li jilleġittimizzaw il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inaqqsu l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, jassenjaw kura mhux imħallsa u xogħol domestiku lin-nisa biss u jirrestringu l-opportunitajiet ta' tmexxija;

G. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU qajmet allarm dwar ir-reżistenza attiva għall-avvanzi fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rigressjoni transnazzjonali dejjem akbar kontra d-drittijiet tan-nisa; billi hemm ħtieġa ċara u urġenti li jiġu affermati mill-ġdid l-ugwaljanza sostantiva u d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u t-tfajliet[4];

---

[3] UN, *Are we getting there? A synthesis of UN system evaluations of SDG 5*, Marzu 2024, https://www.unwomen.org/en/digital-library/publications/2024/03/are-we-getting-there-a-synthesis-of-un-system-evaluations-of-sdg-5.

[4] L-Assemblea Ġenerali tan-NU, *Escalating backlash against gender equality and urgency of reaffirming substantive equality and the human rights of women and girls: Report of the Working Group on discrimination against women and girls*, 15 ta' Mejju 2024, https://documents.un.org/doc/undoc/gen/g24/073/47/pdf/g2407347.pdf.

1. Jirrakkomanda li l-Kunsill:

(a) jikkonferma l-impenn tiegħu favur id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta’ Azzjoni ta’ Beijing u favur il-firxa ta’ azzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri deskritta fihom; jikkonferma l-impenn tiegħu favur id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, permezz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma u ċ-ċikli kollha ta’ politika, għall-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi u mmirati għad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u biex jiġi żgurat ibbaġitjar xieraq skont il-ġeneru;

(b) jiżgura li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa jiġu implimentati bis-sħiħ u bi kburija fl-aspetti kollha tal-azzjoni esterna tal-UE permezz ta’ approċċ iffinanzjat b’mod adegwat, trasformattiv fir-rigward tal-ġeneru, inklużiv u intersezzjonali;

(c) jiżgura l-involviment sħiħ tal-Parlament u tal-Kumitat tiegħu għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet dwar il-pożizzjoni tal-UE fid-69 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (10-25 ta’ Marzu 2025); jiżgura li l-Parlament ikollu informazzjoni adegwata u f’waqtha u aċċess għad-dokument ta’ pożizzjoni tal-UE qabel in-negozjati; u jkompli jtejjeb il-kooperazzjoni interistituzzjonali u l-konsultazzjoni informali, inkluż qabel u matul in-negozjati, sabiex il-prijoritajiet tal-Parlament jiġu inkorporati kif xieraq;

(d) iqis kif xieraq il-progress, u l-ostakli, iffaċċjati fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta’ Azzjoni ta’ Beijing;

(e) isaħħaħ mill-ġdid l-isforzi tal-UE biex jingħelbu l-isfidi li fadal għall-implimentazzjoni sħiħa tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta’ Azzjoni ta’ Beijing; jiżgura li l-UE tmexxi bl-eżempju billi tistabbilixxi miżuri ta’ politika robusti biex tindirizza, tiġġieled u tantiċipa l-inugwaljanza bejn il-ġeneri fil-manifestazzjonijiet kollha tagħha, u tagħti s-setgħa lin-nisa fid-diversità kollha tagħhom;

(f) itenni li l-UE għandha rwol importanti fil-kisba ta’ dinja b’ugwaljanza bejn il-ġeneri billi tappoġġja lill-pajjiżi sħab biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri; jiżgura li l-UE tmexxi bl-eżempju billi tħeġġeġ lill-ħames Stati Membri li għad ma rratifikawx u ma implimentawx il-Konvenzjoni ta’ Istanbul biex jagħmlu dan fl-iqsar żmien possibbli;

(g) jinsisti għal opportunitajiet indaqs għal kulħadd fl-oqsma kollha tal-ħajja, biex in-nisa fid-diversità kollha tagħhom ikunu jistgħu jilħqu l-potenzjal tagħhom, b’mod partikolari fit-teħid ta’ deċiżjonijiet, kemm jekk politiċi, ekonomiċi, akkademiċi jew kulturali, u dan huwa essenzjali wkoll għal governanza tajba u tfassil ta’ politika; f’dan il-kuntest, jesprimi oppożizzjoni għall-vjolenza semjotika kontra n-nisa fil-politika, li ssostni u ssaħħaħ l-istereotipi negattivi dwar in-nisa u tiskoraġġixxi lin-nisa żgħażagħ milli jidħlu fil-politika u fl-isfera pubblika;

(h) jenfasizza li tmexxija politika dgħajfa, nuqqas ta’ impenn, lakuni fid-data, investiment insuffiċjenti, u ż-żieda ta’ movimenti kontra d-drittijiet ġew

identifikati bħala ostakli; b'hekk ikun meħtieġ li jiġu promossi aktar nisa fit-tmexxija, jiżdied l-investiment, u jiġu implimentati riformi ta' politika komprensivi biex jingħelbu dawn l-ostakli sistemiċi u tinkiseb soċjetà verament ugwali;

(i) japplika l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-oqsma ta' politika kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna, u jmexxi bl-eżempju f'dan ir-rigward;

(j) jimpenja ruħu għal valutazzjoni kostanti u azzjoni korrettiva proattiva fil-politiki interni u esterni tal-UE fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru;

(k) jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa u tintroduċi pjanijiet u azzjonijiet konkreti u ffinanzjati tajjeb biex tindirizza l-SDGs tan-NU, speċifikament dawk relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(l) jieħu rwol ta' tmexxija fil-ġlieda globali kontra r-rigressjoni fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa;

(m) iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa u ttejjeb il-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u tiżgura li din id-data tikkontribwixxi għal tfassil aħjar tal-politika; kif ukoll jissaħħaħ l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi kemm f'termini ta' finanzjament kif ukoll ta' kapaċità;

(n) jimplimenta mingħajr dewmien u bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III u jiżgura li 85 % tal-azzjonijiet il-ġodda kollha fir-relazzjonijiet esterni kollha sal-2025 jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-għoti tas-setgħa lin-nisa;

(o) jieħu nota u jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Marzu 2022 dwar il-GAP III tal-UE, u b'hekk jagħti prijorità lill-GAP III f'kull aspett tal-azzjoni esterna tal-UE permezz ta' approċċ trasformattiv għall-ġeneru u intersezzjonali, kemm f'termini tal-kopertura ġeografika u l-oqsma ta' azzjoni tal-GAP III, kif ukoll l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna, kemm jekk huma l-kummerċ, il-politika tal-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, is-sigurtà jew setturi bħall-enerġija u l-agrikoltura;

(p) ifassal, jiffinanzja u jimplimenta politiki li jnaqqsu r-rwol tal-ġeneru bħala fattur fil-faqar kemm fi ħdan l-UE kif ukoll 'il barra minnha, permezz ta' azzjoni esterna filwaqt li jqis kif xieraq il-fatturi intersezzjonali, inklużi l-età, ir-responsabbiltajiet ta' kura, id-diżabbiltà, ir-razza u s-sesswalità;

(q) jindirizza l-kawżi sistemiċi u ewlenin tal-faqar tan-nisa u jagħti s-setgħa lin-nisa u lill-bniet fid-diversità kollha tagħhom permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja, l-opportunitajiet ta' xogħol mhux diskriminatorji, l-aċċess għas-servizzi soċjali, l-ibbilanċjar tar-responsabbiltajiet ta' kura u soċjali mhux imħallsa permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi, il-ġlieda kontra l-istereotipizzazzjoni tal-ġeneru u l-promozzjoni tan-nisa bħala mudelli eżemplari;

(r) jappella għal aktar sforzi, leġiżlazzjoni u infurzar tal-miżuri eżistenti biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-ħaddiema domestiċi nisa;

(s) isaħħaħ ir-rispons, ir-riżorsi u s-sett ta' għodod tal-UE, kemm internament kif

ukoll esternament, fir-rigward tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza domestika, sesswali, fiżika, psikoloġika u ekonomika, inkluż f'żoni ta' gwerra, filwaqt li jitqiesu l-migrazzjoni, il-prostituzzjoni u l-isfruttament sesswali;

(t) jiżgura li n-nisa fid-diversità kollha tagħhom ikollhom aċċess għas-servizzi tas-saħħa, inkluż għad-drittijiet sesswali u s-saħħa riproduttiva, inklużi l-edukazzjoni dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet xierqa għall-età, il-kontraċezzjoni, l-abort sikur u legali, il-kura tas-saħħa materna u s-servizzi tas-saħħa bbażati fuq il-kura;

(u) jappella għal aktar sforzi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet marbuta mal-ġeneru fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, minħabba l-impatt intersezzjonali u sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li jinnota li l-effetti tat-tibdil fil-klima mhumiex newtrali għall-ġeneru;

(v) jippromwovi u jsaħħaħ l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili billi jappoġġja d-drittijiet tan-nisa;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.